

### **Suġġett u deskriżzjoni tal-kawża**

Annnullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li r-rikorrenti ma tiġix ammessa għall-kompetizzjoni interna COM/3/AD9/13 minħabba li hija ma kinitx "membru tal-persunal temporanju tal-Kummissjoni" li hija kundizzjoni ta' eliġibbiltà.

### **Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2013, ikkonfermata fit-22 ta' Ottubru 2013, li r-rikorrenti ma tiġix ammessa għall-kompetizzjoni COM/3/AD9/13;
  - jannulla, sa fejn hemm bżonn, id-deċiżjoni ta' ċaħda, tal-11 ta' April 2014 u kkomunikata lir-rikorrenti fl-14 ta' April 2014, tal-ilment tas-17 ta' Diċembru 2013;
  - jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 

### **Rikors ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-74/14)

(2014/C 388/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: Sébastien Orlandi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### **Suġġett**

Dikjarazzjoni tal-illegalità tal-Artikolu 7 tal-Anness V u tal-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġdid u ta' annnullament tad-deċiżjoni li tirtira l-benefiċċju tar-rikorrenti għal-leave għal raġuni ta' distanza u tar-imbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar bejn il-post tax-xogħol tagħha u l-post ta' oriġini tagħha li kellha dritt għalihom qabel id-dħul fis-sejjh ta' din id-dispożizzjoni l-ġdida tar-Regolamenti tal-Persunal.

### **Talbiet tar-rikorrent**

- jiddikjara l-illegalità tal-Artikoli 7 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal u 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;
  - jannulla d-deċiżjoni li ma jingħatawx iktar la l-leave għal raġuni ta' distanza u lanqas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali lir-rikorrenti mill-2014;
  - jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 

### **Rikors ippreżentat fis-7 ta' Awwissu 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-76/14)

(2014/C 388/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### **Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: G. Suárez de Castro u M. Orman, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### **Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li isem ir-rikorrent ma jiġix inkluż fuq il-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/248/13.

### Talbiet tar-rikorrenti

- Jinkludi isem ir-rikorrent fil-lista ta' riżerva tal-imsemmija kompetizzjoni, peress li jeżisti post ħieles fl-avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/248/13 sabiex jiġu impiegati amministraturi fil-Qasam 1: sigurtà tal-bini u peress li r-rikorrent għandu marka ta' 53,38 li hija għola mill-marka minima stabbilita mill-EPSO ta' 51,01.
  - Sussidjarjament, fid-dawl tad-diversi irregolaritajiet ikkonstatati fl-eżami d, jannulla l-eżami ta' dan l-eżami d u l-lista tal-kandidati tiġi stabbilita mill-ġdid skont il-marki l-oħra miksuba, fejn ma ġewx ikkonstatati irregolaritajiet.
  - Fil-każ li t-talba tiġi milqugħha jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 

### Rikors ippreżentat fis-7 ta' Awwissu 2014 – ZZ et vs SEAE

(Kawża F-78/14)

(2014/C 388/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentanti: D. de Abreu Caldas, M. de Abreu Caldas u J-N. Louis, avukati)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)

### Suġġett

Annnullament tad-deċiżjonijiet li r-rikorrenti ma jiġux promossi fil-grad suċċessiv fil-proċedura ta' promozzjoni 2013 tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjonijiet tad-9 u tal-14 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxu l-lista ta' uffiċjali promossi skont il-proċedura ta' promozzjoni 2013,
  - tikkundanna lil SEAE għall-ispejjeż.
- 

### Rikors ippreżentat fis-7 ta' Awwissu 2014 – ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-79/14)

(2014/C 388/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: A. Lamamra u K. Evora, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annnullament tad-deċiżjoni li jiġi rtirat il-benefiċċju tal-allowance tad-dar, b'effett retroattiv, wara t-trasferiment tar-rikorrent f'iċċituzzjoni oħra u li jiġi limitat l-ammont ta' allowance ta' installazzjoni għal xahar minflok xahrejn.

### Talbiet tar-rikorrent

- Jannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2013;